MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 366/2011

**Charles Azzopardi ID 205854M u Anthony Azzopardi ID 459957M**
**ezercenti l-kummerc bl-isem Azzopardi Fisheries**
**vs**
**Inic Company Limited (C-40577)**

## Il-Qorti

Wara li rat it-talba tal-attur fil-kwalita' taghhom premessa ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghal-hlas ta' seba' t'elef, tmien mija, u sittin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€7860.40) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lil Inic Company Ltd C40577 bl-imghax legali mit-23 ta' Lulju 2011 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsija tal-istess attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjez jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702 (3) (b) Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx fit-28 ta' Novembru 2012 meta gew pprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-istess attrici s-somma ta' €7860.40 (seba' t'elef, tmien mija, u sittin ewro u tnejn u erbghin centezmu) bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Lulju 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------